# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 23**

**Rikors numru: 1089/2020/1 AF**

**Raymond u Rita konjuġi Portelli**

**v.**

**Marlon Vella**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat bejn il-partijiet fil-25 ta' Settembru 2015 fl-atti tan-Nutar Anton Borg il-konvenut ikkostitwixxa ruħu bħala veru, ċert u likwidu debitur tal-atturi għas-somma ta' €114,000 liema somma kienet ġiet mislufa lilu *brevi manu* fis-sena 2014 sabiex ikun jista' jħallas djun li kellu ma' terzi. Obbliga ruħu li jħallas

b'rati ta' €500 fix-xahar u li jħallas lura d-dejn kollu sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2036.

2. Is-self kellu jkun mingħajr imgħax sal-1 ta' Jannar 2036 b'dan illi jekk id-debitur jonqos milli jħallas xi parti mis-somma mislufa sal-1 ta' Jannar 2036 il-pagament fuq il-bilanċ rimanenti jkun soġġett għall-ħlas tal-imgħax.

3. Bħala garanzija, il-konvenut għamel ipoteka ġenerali, ipoteka speċjali fuq garaxx f'Birżebbuġa, u polza t'assikurazzjoni fuq ġidu u persuntu.

4. Permezz tar-rikors ġuramentat tagħhom, l-atturi lmentaw li:

> "Il-konvenut naqas serjament minn dan l-obbligu tieghu li jhallas ir-ripagamenti mensili u hallas biss ammont irrizorju.
>
> Ai termini ta' klawsola numru 3 tal-ftehim datat 25 ta' Settembru tas-sena 2015, l-intimat impenja ruhhu li jassigura l-persuna u l-proprjetà tieghu ma' kumpanija tal-assigurazzjoni ta' reputazzjoni tajba, fejn l-interess tar-rikorrenti kellu jigi annotat fuq il-polza tal-assigurazzjoni relattiva. Barra minn hekk, l- intimat awtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu kull assigurazzjoni li huma jidhrilhom xierqa a spejjez tal-intimat.
>
> L-intimat naqas ukoll milli jhallas il-premium in konnessjoni mal- polza tal-assigurazzjoni bin-numru FP503963 mal-MSV Life u ghalhekk ir-rikorrenti gew kostretti sabiex jaffettwaw direttament huma l-hlasijiet tal-premium."

5. Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

“1. Tiddikjara illi l-intimat kiser il-kuntratt iffirmat bejn il- kontendenti datat 25 ta’ Settembru tas-sena 2015

2. Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat tilef il-beneficcju ghall- hlasijiet rateali.

3. Tiddikjara li r-rikorrenti affettwaw diversi pagamenti in konnessjoni mal-polza tal-assigurazzjoni bin-numru FP503963 kif hawn fuq spjegat.

4. Tillikwida kwalsiasi ammont dovut mill-konvenut lir- rikorrenti.

5. Tiddikjara lill-konvenut Marlon Vella bhala debitur tar- rikorrenti fis-somma hekk likwidata.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jivversa lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata.”

6. Il-konvenut eċċepixxa prinċipalment illi:

“Mhuwiex minnu li l-eccipjenti ma baqax jonora l-kundizzjonijiet u t-termini elenkati fil-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Anton Borg datat 25 ta’ Settembru tas-sena 2015.

Salv ghal xi xhur meta l-eccipjenti kellu mpenji finanzjarji ohrajn urgenti, l-eccipjenti dejjem ittrasferixxa l-ammont ta’ €500 fix- xahar, u diversi drabi anki aktar minn dan l-ammont, f’kont bankarju li l-atturi ghandhom mal-Bank of Valletta plc, u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt is-smiegh tal-kawza.

Ai termini ta’ klawsola numru 1 tal-ftehim surriferit, l-eccipjenti nghata l-beneficcju taz-zmien sabiex ihallas lura l-ammont mertu tal-att in kwistjoni.

Anki li kieku l-eccipjenti ma kienx qieghed jonora l- kundizzjonijiet u t-termini tal-att imsemmi, tali att ma jikkontemplax mekkanizmu li bih l-istess ammont dovut jista’ jigi llikwidat.

Ma tezisti l-ebda kundizzjoni fil-att surriferit li tghid li jekk l- eccipjenti ma jottemprax ruhu mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess att, il-bilanc ghandu jigi llikwidat.

Mhuwiex minnu li l-eccipjenti naqas milli jhallas il-premia in konnessjoni mal-polza tal-assigurazzjoni mahruga mill-MSV Life in linea ma’ dak rikjest ai termini tal-klawsola nurmu 3 tal-att surriferit, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.”

7. B'sentenza tat-8 ta' Jannar 2025, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut; ċaħdet it-talbiet tal-atturi u ordnat li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha wara li rraġunat hekk:

"... Abbażi ta' dan il-ftehim, ir-rifużjoni ghandha ssir permezz ta' pagamenti rateali kull wieħed fis-somma ta' mhux anqas minn €500 fuq medda totali ta' 243 xahar. Konteġġ sempliċi juri li 243 x €500 iwasslu għal total ta' €121,500 liema ammont jiżboq is-somma ta' €114,00 li hija dovuta skont l-istess ftehim.

Fil-kontro-eżami tagħha r-rikorrenti Rita Portelli xehdet illi fil- mument li sar il-ftehim il-kalkolu sar b'mod u manjiera li s-self jitħallas lura fuq medda ta' 20 sena. Tgħid ukoll illi r-rikorrenti kkonċedew lill-intimat sena żejda bil-għan illi "jekk ikun hemm xi sena minnhom f'diffikulta' ikollu naqra rih." (a fol. 234)

-omissis-

Il-ftehim bejn il-partijiet huwa fil-fehma ta' din il-Qorti car bizzejjed. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-partijiet naqsu pależement milli jistabbilixxu termini u kondizzjonijiet li jirregolaw x'jiġri f'każ ta' morożità. Mill-banda l-oħra tqis ukoll illi dan aktarx illi ma sarx għaliex ir-rikorrenti riedu jikkonċedu flessibilità lill-intimat sabiex iħallas. Fil-fatt ix-xhieda tar-rikorrenti ma tħallix dubji dwar dan il-ħsieb, ħsieb li del resto jinsab rifless fit-termini tal-pagament. Il-Qorti tgħid dan għaliex lil kieku ma kienx hemm il-ħsieb tal-flessibilità, ir-rikorrenti ma kienux jikkonċedu lill-intimat terminu ta' 20 sena għall- pagament. Del resto, fuq medda t'20 sena il-pagament rateali bis-somma minn ta' l-anqas ta' €500 kien sejjer jirriżulta f'pagament ferm akbar minn dak realment dovut. Hawnhekk il- Qorti tqis ukoll illi għad li r-rikorrenti ma jifhmux bl-Ingliż huma fehmu li l-pagament kellu jsir fuq medda t'għoxrin sena fatt dan li kkonfermat ir-rikorrenti stess fix-xhieda tagħha. Il-Qorti għalhekk tqis għalhekk illi huwa tassew kontradittorju kif fuq il-ftehim ir-rikorrenti riedu jikkonċedu lill-intimat ċertu flessibilità imbagħad hawnhekk qegħdin jinsistu illi l-morożità fil-pagamenti għandha twassal għat-telfien tal-benefiċċju tat-terminu.

Fid-dawl ta' dak illi jirriżulta mill-ftehim innfisu u fid-dawl ta' dak illi xehdet mingħajr ebda tlaqliq ir-rikorrenti, il-Qorti tqis illi f'dan il-każ l-intimat ma jistax jingħad illi tilef il-benefiċċju tat- terminu. Fl-ewwel lok għaliex il-partijiet ma qablux dwar dak illi għandu jseħħ f'każ ta' morożità u fit-tieni lok għaliex ir-rikorrenti stess qua kredituri riedu jikkonċedu lill-intimat il-flessibilità sabiex iħallas."

8. L-atturi appellaw mis-sentenza. Fil-qosor, l-aggravji tagħhom huma li:

(1) l-Ewwel Qorti ma messhiex iddeċidiet li ma kienx hemm dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu għaliex il-partijiet ma ftiehmux espressament dwarha. Din tista' tkun anke taċita. U hekk sar f'dan il-każ: ġaladarba l-konvenut kiser il-ftehim li jħallas puntwalment il-pagamenti ta' €500 fix-xahar, allura mhux mistenni li l-atturi joqogħdu jħarrkuħ għal kull pagament li jonqos li jħallas, inkella jistennew li jgħaddu l-għoxrin sena qabel jipproċedu kontrih, b'dannu kbir għalihom.

L-appellanti ċċitaw sentenza f'kawża fejn il-kundizzjoni tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu kienet espressa.

(2) l-Ewwel Qorti ma tatx każ tat-tielet talba.

9. Għalhekk qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tiċħad l-eċċezzjonijiet; tilqa' l-ewwel tliet talbiet, u tibgħat lura l-atti lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi dwar l-aħħar tliet talbiet.

10. Għalkemm l-appellanti ma jagħmlu riferenza għal ebda dispożizzjoni tal-liġi, jidher li qegħdin jagħmlu riferenza għall-kundizzjoni

riżoluttiva taċita, irregolata mill-Art. 1066 tal-Kodiċi Ċivili, li skontha, "**hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terġa' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula"**. Dan l-artiklu iżda ma jistax jiġi applikat għall-fatti ta' dan il-każ, għaliex:

(1) B'dak li talbu l-appellanti fir-rikors promotur tagħhom, il-partijiet ma jirrivertux għall-*istatus quo ante*; il-kuntratt ta' self ma jinħallx; mhux talli hekk, talli, bil-maqlub, id-debitur jiġi mġiegħel iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li tiskatta mill-kuntratt minnufih minflok fuq perjodu ta' żmien. Għalhekk l-Art. 1066 mhux applikabbli għall-fattispeċje ta' dan il-każ.

(2) "**Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmlula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijet tonqos mill-obbligazzjoni tagħha"** (Art. 1068 tal-Kodiċi Ċivili). Il-kuntratti kollha huma bilaterali fis-sens li biex iseħħu, irid ikun hemm bilaterità tal-kunsens. Iżda wieħed ma jridx ifixkel il-bilaterità tal-obbligu kuntrattwali mal-bilaterità tal-kunsens. Meta r-rapport kuntrattwali jagħmel lill-partijiet kredituri u debituri ta' xulxin, il-kuntratt ikun bilaterali, bħall-bejgħ u t-tpartit. Meta parti waħda biss tkun debitriċi, b'mod li ma tkun tista' tippretendi xejn in forza tal-kuntratt mill-parti l-oħra, ikun kuntratt unilaterali, bħall-mandat, id-

depożitu, il-kommodat – u l-mutwu.[1] L-Art. 1068 jirreferi għall-bilaterità tal-obbligu kuntrattwali. A *contrario sensu*, ma jistax jingħad li fil-kuntratti unilaterali jkun hemm il-kundizzjoni riżoluttiva taċita.[2]

11. Ġaladarba mhux applikabbli l-Art. 1068, japplika d-divjet tal-Art. 1079 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula li d-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien biss (i) jekk isir mhux solvibbli, jew (ii) jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, jew (iii) jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew (iv) jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu.[3]

12. Ma jidhirx li l-atturi, fir-rikors ġuramentat tagħhom, ibbażaw it-talba tagħhom għal dikjarazzjoni ta' dekadenza tal-benefiċċju tat-terminu fuq l-Art. 1079. U kif inhu magħruf, fil-Qrati Superjuri l-imħallef irid joqgħod strettament mal-kawżali. Fi kwalunkwe każ, pero`, ma jirriżultax mill-provi li l-assikurazzjoni m'għadhiex fis-seħħ, anke jekk il-konvenut kien tardiv fil-ħlas ta' wħud tar-rati tal-*premium*.

---

[1] Ara Giorgio Giorgi, Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno (edizz. 1877) Vol. 3, para. 25.

[2] Ara Giorgi, op. cit., Vol. 4, para. 206 u l-ġuristi minnu ċċitati.

[3] **Giuseppe Teuma v Paolo Ceravolo** 30.06.1874 Prim'Awla Kollez. VII.201; **Sac. Camilleri v Dr Fenech ed**. 28.10.1895 Prim'Awla Kollez. XV.285: Atteso che anche si trattasse di un'obbligazione da adempersi a rate, la mora nel pagamento delle rate del debito non trae seco la decadenza dal beneficio del termine se non e` convenuta.

13. Jirriżulta mill-kontroeżami tal-attriċi li kien hemm biss żewġ okkażjonijiet meta ħallset il-polza tal-assikurazzjoni, u li dawn ġew issaldati minnufih mill-appellat.

14. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, inkluż il-kap tal-ispejjeż. Spejjeż tal-appell a karigu tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss